

REGOLAMENT (UE) Nru 1409/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-28 ta' Novembru 2013****dwar l-istatistika tal-ħlasijiet****(BĊE/2013/43)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

żgurata kopertura sħiħa tal-popolazzjoni li tirrapporta, it-tagħrif rilevanti għandu jinġabar direttament mill-aġenti li jirrapportaw.

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

- (4) Il-metodoloġija skont liema jinġabar it-tagħrif dwar l-ħlasijiet għandha tikkunsidra l-iżviluppi fil-qafas legali tal-ħlasijiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ u l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

- (5) Jista' jkun xieraq għal BĊNi li jiġbru mingħand il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar it-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu sodisfatti il-ħtiġijiet statistiċi tal-BĊE bħala parti minn qafas ta' rapportar statistiku usa' li l-BĊNi jistabbilixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni jew il-prattika stabbilita u li sservi ukoll għanijiet statistiċi oħrajn, sakemm ma jiġix mhedded it-twertiq tal-ħtiġijiet statistiċi tal-BĊE. Dan jista' wkoll inaqqas il-piż tar-rapportar. Sabiex titkattar it-trasparenza, huwa xieraq, f'dawn il-każijiet, li l-aġenti li jirrapportaw jiġu informati li d-dejta tinġabar ukoll biex jitwertqu għanijiet statistiċi oħrajn. F'każijiet speċifiċi, il-BĊE jista' jistrieħ fuq tagħrif statistiku miġbur għal dawn l-iskopijiet l-oħra sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tiegħu.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jeħtieġ statistika tal-ħlasijiet komparattiva u speċifika għall-pajjiż sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu. L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprovdi li t-tagħrif jista' jinġabar fil-qasam tal-ħlasijiet u tal-istatistika tas-sistemi ta' ħlas. Din id-dejta hija essenzjali għall-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżviluppi fis-swieq tal-ħlasijiet fi ħdan l-Istati Membri, u biex tassisti fil-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas.

- (6) Filwaqt li huwa rikonoxxut illi regolamenti adottati mill-BĊE skont l-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-SEBĊ ma jagħtu l-ebda dritt jew ma jimponu l-ebda obbligi fuq Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro"), l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ japplika kemm għal Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri fiż-żona tal-euro") kif ukoll għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-Premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 tirreferi għall-fatt illi l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika li hemm obbligu biex jiġu mfassla u implimentati flivell nazzjonali l-miżuri kollha illi l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jqisu

- (2) L-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ") jeħtieġ li l-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jiġbor it-tagħrif statistiku neċessarju jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mill-aġenti ekonomiċi sabiex jitwertqu l-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). L-Artikolu 5.2 tal-Istatut tas-SEBĊ jeħtieġ li l-BĊNi jwettqu, safejn huwa possibbli, il-kompiti deskritti fl-Artikolu 5.1.

- (3) L-Eurosistema tiġbor it-tagħrif dwar il-ħlasijiet skont il-Linja Gwida BĊE/2007/9 ⁽²⁾. Fl-interess ta' żieda fil-kwalità u l-affidabbiltà tal-istatistika tal-ħlasijiet u li tiġi

⁽³⁾ Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

⁽⁴⁾ Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-supervizzjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

⁽⁵⁾ Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11).

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

⁽²⁾ Linja Gwida BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 dwar l-istatistika monetarja, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq (ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1).

xierqa sabiex issir il-ġabra tat-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' rapportar statistiku tal-BĊE u t-tnejniet f'waqthom fil-qasam tal-istatistika biex huma jkunu jistgħu isiru Stati Membri taż-żona tal-euro. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu estiżi sabiex japplikaw għall-BĊNi tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro billi dawn il-BĊNi jikkoperaw mal-Eurosistema fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni tal-BĊE.

- (7) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 għandhom japplikaw.
- (8) Hemm bżonn li tiġi stabbilita proċedura li biha jkunu jistgħu jsiru emendi tekniċi għall-annessi ta' dan ir-Regolament b'mod effettiv, sakemm emendi bħal dawn la jbiddu l-qafas kunċettwali sottostanti u lanqas jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Meta tkun qegħda tiġi segwita din il-proċedura, għandu jingħata kas tal-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika (STC) tas-SEBĊ. Il-BĊNi u Kumitati oħra tas-SEBĊ jistgħu jipproponu emendi tekniċi bħal dawn għall-annessi permezz tal-Kumitat tal-Istatistika,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) "aġenti tar-rapportar" u "residenti" għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;
- (b) "servizz ta' ħlas", "fornitur tas-servizz ta' ħlas", "istituzzjoni ta' ħlas" u "sistema ta' ħlas" għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;
- (c) "emittent tal-flus elettroniċi" u "istituzzjoni tal-flus elettroniċi" għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE;
- (d) "operatur tas-sistema ta' ħlas" tfisser entità legali li hija legalment responsabbli għat-tħaddim tas-sistema ta' ħlas.

Artikolu 2

Popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar

1. Il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar tikkonsisti minn fornituri tas-servizz ta' ħlas (inkluż emittenti tal-flus elettroniċi) u/jew operaturi tas-sistema ta' ħlas.
2. L-aġenti li jirrapportaw jiġu suġġetti għall-obbligi ta' rapportar statistiku kollha.

Artikolu 3

Obbligi ta' rapportar statistiku

1. Il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar tirrapporta t-tagħrif statistiku lill-BĊN tal-Istat Membru li fih huwa residenti l-aġent li jirrapporta, kif speċifikat fl-Anness III u jieħu in konsiderazzjoni l-kjarifiki u d-definizzjonijiet pprovduti fl-Annessi I u II.
2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplementaw l-arranġamenti tar-rapportar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar b'konformità mal-karatteristiċi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti ta' rapportar jipprovdu t-tagħrif statistiku meħtieġ taħt dan ir-Regolament u jippermettu verifika preċiża tal-konformità mal-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità kunċettwali u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

Artikolu 4

Derogi

1. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-aġenti li jirrapportaw fir-rigward tal-obbligi ta' rapportar kollha stipulati f'dan ir-Regolament jew ta' parti minnhom:

- (a) fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' ħlas, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(1) u (2) tad-Direttiva 2007/64/KE;
- (b) fil-każ ta' istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 2009/110/KE;
- (c) fil-każ ta' fornituri oħra tas-servizzi ta' ħlas li mhumiex imsemmija fil-punti (a) u (b), jekk jissodisfaw jew il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 2009/110/KE jew fl-Artikolu 26(1) u (2) tad-Direttiva 2007/64/KE.
2. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-aġenti li jirrapportaw taħt paragrafu 1 biss jekk dawn l-aġenti li jirrapportaw ma jikkontribwux għal kopertura statistikament sinifikanti, flivell nazzjonali, ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas għal kull tip ta' servizz ta' ħlas.

3. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-aġenti li jirrapportaw fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' rapportar ma' istituzzjoni li mhijiex IFM, fejn (a) il-valur ikkombinat tas-servizzi speċifikati fit-Tabella 4 tal-Anness III ikkontribwiti minn aġenti li jirrapportaw li jibbenefikaw minn din id-derogazzjoni ma jaqbiżx 5 % tal-livell nazzjonali għal kull wieħed minn dawn is-servizzi; u (b) il-piż tar-rapportar kieku jkun sproporzjonat fid-dawl tad-daqs ta' dawn l-aġenti li jirrapportaw.

4. Jekk BĊN jagħti deroga skont il-paragrafu 1 jew 3, huwa għandu jinnotifika lill-BĊE b'dan fl-istess ħin li jirrapporta t-tagħrif skont l-Artikolu 6(1).

5. Il-BĊE għandu jippubblika lista ta' entitajiet li ngħataw derogi mill-BĊNi.

Artikolu 5

Lista ta' fornituri ta' servizz ta' ħlas u operaturi tas-sistema ta' ħlas għall-finijiet statistiċi

1. Il-Bord Eżekuttiv jistabbilixxi u jżomm lista ta' fornituri ta' servizz ta' ħlas, inkluż l-emittenti ta' flus elettroniċi, u ta' operaturi ta' sistema ta' ħlas suġġetti għal dan ir-Regolament. Il-lista tkun ibbażata fuq listi eżistenti ta' fornituri ta' servizz ta' ħlas u ta' operaturi ta' sistemi ta' ħlas stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali, fejn dawn il-listi huma disponibbli.

2. Il-BĊNi u l-BĊE jagħmlu l-lista msemmija fil-paragrafu 1, u l-aġġornamenti tagħha, aċċessibbli lill-aġenti li jirrapportaw ikkonċernati b'mod xieraq, inkluż b'mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq talba tal-aġenti li jirrapportaw ikkonċernati, f'forma stampata.

3. Il-lista msemmija f'paragrafu 1 hija għat-tagħrif biss. Madankollu, f'każ li l-aħħar verżjoni elettronika aċċessibbli tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 tkun skorretta, il-BĊE ma jimponix sanzjonijiet fuq kwalunkwe entità li ma tkunx issodisfat kif suppost l-obbligi ta' rapportar tagħha, sakemm dik l-entità tkun qagħdet fuq il-lista skorretta b'bonafidi.

Artikolu 6

Tempestività

1. It-tagħrif statistiku, kif speċifikat fl-Anness III, jiġi trażmess mill-BĊNi lill-BĊE fuq bażi annwali sal-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol ta' Mejju wara t-tmiem tas-sena li għaliha jirreferi.

2. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta u b'liema perjodiċità għandhom bżonn jirċievu d-dejta mingħand l-aġenti li

jirrapportaw sabiex jilhq u l-iskadenza għar-rapportar tagħhom-lill-BĊE, u għandhom jinformat lill-aġenti li jirrapportaw kif meħtieġ.

Artikolu 7

Verifika u ġbir obligatorju

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew jiġbru b'mod obligatorju t-tagħrif li l-aġenti li jirrapportaw huma mitluba jagħtu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊE li jeżerċita dan id-dritt huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi jeżerċitaw dan id-dritt meta aġent li jirrapporta ma jissodisfax l-istandards minimi tat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità kunċettwali u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

Artikolu 8

L-ewwel rapportar

B'deroga mill-Artikolu 6, l-ewwel rapportar bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jibda f'Ġunju 2015 bit-tagħrif statistiku li jirreferi għall-perjodu ta' referenza tat-tieni nofs tas-sena kalendarja 2014 (jiġifieri sa minn Lulju 2014).

Artikolu 9

Proċedura simplifikata għall-emendi

Filwaqt li jqis il-fehmiet tal-STC, il-Bord Eżekuttiv huwa intitolat li jagħmel emendi tekniċi fl-annessi ta' dan ir-Regolament, sakemm dawn l-emendi la jbiddu l-qafas kunċettwali sottostanti u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull emenda bħal din mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX I

STRUTTURA ĠENERALI TAL-ISTATISTIKA TAL-ĦLASIJJET

PARTI 1 ĦARSA ĠENERALI

Parti 1.1 Harsa ġenerali lejn it-tabelli

1. Statistika tal-ħlasijiet tiġi kkompilata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) permezz tal-ġbir ta' dejta armonizzata speċifika ġestit fil-livell nazzjonali minn kull bank ċentrali nazzjonali (BĊN). Il-kompilazzjoni tad-dejta hija strutturata fil-forma ta' seba' tabelli kif deskritt aktar 'l isfel li fihom id-dejta nazzjonali dwar kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stat Membru taż-żona tal-euro") li iktar 'il quddiem huma kkombinati f'tabelli komparattivi li jkopru l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro.

Tabella	Deskrizzjoni tal-kontenut prinċipali
<p>Tabella 1: Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' ħlas lil-istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (istituzzjonijiet li mhumiex IFM)</p>	<p>Tqassim li juri n-numru ta' depożiti overnight, in-numru ta' kontijiet ta' ħlas, in-numru ta' kontijiet ta' flus elettroniċi u l-valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa, minn istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, istituzzjonijiet ta' ħlas u fornituri oħra ta' servizzi ta' ħlas (PSPs) u emittenti tal-flus elettroniċi</p>
<p>Tabella 2: Funzjonijiet tal-kard tal-ħlas</p>	<p>Numru ta' kards maħruġa minn PSPs residenti fil-pajjiż. Id-dejta dwar il-kards hija kkompilata bi tqassim skont il-funzjoni tal-kard</p>
<p>Tabella 3: Taġmir li jaċċetta l-kard tal-ħlas</p>	<p>Numru ta' terminals ipprovduti minn PSPs residenti fil-pajjiż. Dejta fit-terminals tiddistingwi bejn magni tal-flus awtomatizzati (ATMs), terminals fil-punt tal-bejgħ (POS) u terminals tal-kard tal-flus elettroniċi</p>
<p>Tabelli 4: Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex IFM</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta u rċevuti minn istituzzjonijiet li mhumiex IFM permezz ta' PSPs residenti fil-pajjiż. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont is-servizz ta' ħlas bi tqassim ġeografiku</p>
<p>Tabelli 5: Tranżazzjonijiet ta' ħlas skont it-tip tat-terminal li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex IFM</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta minn istituzzjonijiet li mhumiex IFM permezz ta' PSPs. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont it-tip ta' terminal involut bi tqassim ġeografiku</p>
<p>Tabella 6: Parteċipazzjoni fis-sistemi ta' ħlas magħżulin</p>	<p>In-numru ta' parteċipanti f'kull sistema ta' ħlas li tinsab fil-pajjiż, b'distinzzjoni bejn parteċipanti diretti u indiretti u fi ħdan il-partiċipanti diretti bi tqassim skont it-tip ta' istituzzjoni</p>
<p>Tabella 7: Ħlasijiet ipproċessati minn sistemi ta' ħlas magħżulin</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas ipproċessati minn kull sistema ta' ħlas li tinsab fil-pajjiż, skont is-servizz ta' ħlas u bi tqassim ġeografiku</p>

Parti 1.2 Tip ta' informazzjoni

1. Id-dejta tal-istokk, kif tinsab fit-Tabelli 1, 2, 3 u 6, tirreferi għat-tmiem tal-perjodu, jiġifieri l-pożizzjonijiet fl-aħħar jum ta' ħidma tas-sena kalendarja ta' referenza. L-indikaturi tal-valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa huma kkompilati f'euro u jirreferu għall-ħażniet ta' ħlas iddenominati fil-munita kollha.

2. Id-dejta tal-fluss, kif tinsab fit-Tabelli 4, 5 u 7, tirreferi għal tranżazzjonijiet ta' ħlas akkumulati matul il-perjodu, jiġifieri t-total għas-sena kalendarja ta' referenza. L-indikatur tal-valur tat-tranżazzjonijiet huma kkompilati feuro u jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' ħlas iddenominati fil-muniti kollha.

Parti 1.3 Konsolidazzjoni fi ħdan l-istess territorju nazzjonali

1. Għal kull Stat Membru taż-żona tal-euro, il-popolazzjoni soġġetta għar-rapportar tikkonsisti minn PSPs u/jew operaturi tas-sistema ta' ħlas.
2. Il-PSPs huma istituzzjonijiet inkorporati u li jinsabu f'dak it-territorju, inkluż sussidjarji tal-kumpanji parent li jinsabu barra minn dak it-territorju, u fergħat ta' istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju prinċipali barra minn dak it-territorju.
 - (a) Is-sussidjarji huma entitajiet inkorporati separati li fihom entità oħra għandha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa.
 - (b) Il-fergħat huma entitajiet mhux inkorporati mingħajr status legali indipendenti li huma kollha ta' proprjetà tal-parent.
3. Għall-finijiet tal-istatistika, il-prinċipji li ġejjin japplikaw għall-konsolidazzjoni tal-PSPs mingħajr konfini nazzjonali:
 - (a) Jekk kumpanija parent u s-sussidjarji tagħha huma PSPs li jinsabu fl-istess territorju nazzjonali, il-kumpanija parent hija awtorizzata biex fil-prospetti tal-istatistika tagħha tikkonsolida n-negozju ta' dawn is-sussidjarji. Dan japplika biss f' każ illi l-kumpanija parent u s-sussidjarji tagħha huma kklassifikati bħala l-istess tip ta' PSP.
 - (b) Jekk istituzzjoni jkollha fergħat li jinsabu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro jqis dawn il-fergħat bħala residenti fl-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro. Bil-kontra, fergħa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro tqis l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew fergħat oħra tal-istess istituzzjoni li jinsabu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro bħala residenti fl-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro.
 - (c) Jekk istituzzjoni jkollha fergħat li jinsabu barra mit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro iqis dawn il-fergħat bħala residenti tal-bqija tad-dinja. Bil-kontra, fergħa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro tqis l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew il-fergħat l-oħra tal-istess istituzzjoni li jinsabu barra mill-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala residenti fil-bqija tad-dinja.
4. Għall-finijiet tal-istatistika, il-konsolidazzjoni tal-PSPs bejn konfini nazzjonali mhijiex permessa.
5. Jekk operatur ta' sistema ta' ħlas ikun responsabbli għal diversi sistemi ta' ħlas li jinsabu fl-istess territorju nazzjonali, l-istatistika għal kull sistema ta' ħlas tiġi rrapportata b'mod separar.
6. Istituzzjonijiet li jinsabu f'ċentri finanzjarji offshore huma meqjusa statistikament bħala residenti tat-territorji fejn jinsabu ċ-ċentri.

PARTI 2 KARATTERISTIĊI SPEĊIFIĊI FIT-TABELLI 2 SA 7

Parti 2.1 Funzjonijiet tal-kard tal-ħlas (Tabella 2)

1. Jekk "kard bil-funzjoni tal-ħlas (ħliet għal kards bil-funzjoni ta' flus elettroniċi biss)" toffri diversi funzjonijiet, hija tingħadd f'kull subkategorija applikabbli. Għalhekk, in-numru totali tal-kards b'funzjoni ta' ħlas, jista' jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, is-subkategoriji m'għandhomx jiġu magħduda flimkien.
2. "Kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi" tista' tkun jew "kard li fuqha l-flus elettroniċi jistgħu jiġu maħżuna direttament" jew "kard li tagħti aċċess għal flus elettroniċi maħżuna fuq kontijiet tal-flus elettroniċi". Għalhekk, in-numru totali tal-kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi huwa s-somma taż-żewġ subkategoriji.
3. In-numru totali tal-kards maħruġa mill-PSPs residenti huwa ddikjarat separatament fin-"numru totali tal-kards (irrispettivament tan-numru tal-funzjonijiet fuq il-kard)". Dan l-indikatur jista' ma jkunx neċessarjament is-somma tal-"kards b'funzjoni ta' flus kontanti", "kards b'funzjoni ta' ħlas" u "kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi", billi dawn il-kategoriji jistgħu ma jkunux jeskludu lil xulxin.
4. L-indikatur "kard b'funzjoni kkombinata ta' debitu, ta' flus kontanti u tal-flus elettroniċi" jirreferi għal kard maħruġa minn PSP, li għandha funzjoni kkombinata ta' flus kontanti, tad-debitu u tal-flus elettroniċi. Barra minn hekk, f'kull subkategorija jiġu rrapportati:
 - (a) "kards b' funzjoni ta' flus kontanti";
 - (b) "kards b' funzjoni ta' debitu";
 - (c) "kards b' funzjoni ta' flus elettroniċi".

5. Jekk kard b'funzjoni kkombinata toffri funzjonijiet addizzjonali, hija tiġi rrapportata wkoll fis-subkategorija relevanti.
6. Il-kards jingħaddu fuq in-naħa li toħroġ il-kard irrispettivament mir-residenza tad-detentur tal-kard jew il-post tal-kont li huwa marbut mal-kard.
7. Kull pajjiż jirrapporta n-numru tal-kards li nħarġu mill-PSPs residenti fil-pajjiż, irrispettivament minn jekk il-kard ġietx ko-immarkata jew le.
8. Kards li jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni huma inklużi irrispettivament minn meta nħarġu jew jekk intużawx.
9. Kards maħruġa minn skemi tal-kards, jiġifieri skemi bejn tliet partijiet jew erba' partijiet, huma inklużi.
10. Kards skaduti jew irtirati mhumiex inklużi.
11. Kards maħruġa minn negozjanti, jiġifieri kards tal-konsumaturi, mhumiex inklużi, sakemm ma nħarġux f'kooperazzjoni ma' PSP, jiġifieri huma ko-immarkati.

Parti 2.2 Tagħmir li jaċċetta kard tal-ħlas (Tabella 3)

1. It-terminals kollha pprovduti minn PSPs residenti huma rrapportati, inkluż it-terminals li jinsabu fil-pajjiż li jirrapporta u t-terminals li jinsabu barra mill-pajjiż li jirrapporta.
2. L-entità li tipprovi t-terminals hija l-akkwired, irrispettivament mis-sjieda tat-terminals. Għalhekk, it-terminals pprovduti mill-akkwired biss huma magħduda.
3. Terminals ipprovduti minn ferġat u/jew sussidjarji tal-PSP li jinsab barra mill-pajjiż mhumiex irrapportati mill-PSP parent, iżda mill-ferġat u/jew mis-sussidjarji nfushom.
4. Kull terminal huwa magħdud b'mod individwali anke jekk jeżistu bosta terminals tal-istess tip fl-istess post tan-negozju.
5. Jekk ATM toffri iktar minn funzjoni waħda, hija tingħadd f'kull subkategorija applikabbli. Għalhekk, in-numru totali tal-ATMs jista' jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, is-subkategoriji m'għandhomx jiġu magħduda flimkien.
6. It-terminals POS huma maqsuma f'żewġ subkategoriji: "Terminals EFTPOS" u "terminals tal-kard tal-flus elettroniċi". Dawn is-sub-kategoriji m'għandhomx jiġu magħduda, billi huma "li minnhom" u ma jammontawx għat-total.
7. Jekk terminal tal-kard tal-flus elettroniċi toffri iktar minn funzjoni waħda, hija tingħadd f'kull sub-kategorija applikabbli. Għalhekk, in-numru totali tat-terminals tal-kard tal-flus elettroniċi jista' jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, is-subkategoriji m'għandhomx jiġu magħduda flimkien.

Parti 2.3 Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex IFM (Tabella 4)

1. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas huma mibdija minn istituzzjonijiet li mhumiex IFM lejn kwalunkwe kontroparti jew minn PSPs jekk il-kontroparti hija istituzzjoni li mhijiex IFM. Dawn jinkludu:
 - (a) tranżazzjonijiet ta' ħlas li jseħħu bejn żewġ kontijiet miżmuma f'PSPs differenti u li huma eżegwiti permezz ta' intermedjarju, jiġifieri fejn il-ħlasijiet jintbagħtu lil PSP ieħor jew lil sistema ta' ħlas; u
 - (b) tranżazzjonijiet ta' ħlas li jseħħu bejn żewġ kontijiet miżmuma fl-istess PSP, pereżempju tranżazzjonijiet on-us, bit-tranżazzjoni tiġi regolata jew fuq il-kontijiet tal-PSP innifsu, jew permezz ta' intermedjarju, jiġifieri PSP ieħor jew sistema ta' ħlas.
2. Tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija minn PSP residenti u eżegwiti b'ordni ta' tranżazzjoni speċifika, jiġifieri permezz ta' tagħmir ta' ħlas, huma inklużi bħala "tranżazzjonijiet skont it-tip tas-servizz ta' ħlas".
3. Trasferiment ta' fondi bejn kontijiet taħt l-istess isem, u wkoll bejn tipi differenti ta' kontijiet huma inklużi skont is-servizz ta' ħlas użat. Trasferimenti bejn tipi differenti ta' kontijiet jinkludu, pereżempju, trasferimenti minn depożitu trasferibbli għal kont li jżomm depożitu mhux trasferibbli.

4. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'ammonti kbar, kull tranżazzjoni ta' ħlas individwali tiġi magħduda.
5. Tranżazzjonijiet ta' ħlas denominati f'munita barranija huma inklużi. Id-dejta tinqaleb feuro bl-użu tar-rata tal-kambju ta' referenza tal-BĊE jew rati tal-kambju applikati għal dawn it-tranżazzjonijiet.
6. Tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija minn PSP residenti u eżegwiti mingħajr ordni ta' tranżazzjoni speċifika, jiġifieri mingħajr l-użu ta' servizz ta' ħlas, permezz ta' entrata sempliċi fil-kotba ta' istituzzjoni li mhijiex IFM, mhumiex inklużi. Jekk ma jistgħux jiġu distinti, dawn it-tranżazzjonijiet huma inklużi bħala "tranżazzjonijiet skont it-tip tas-servizz ta' ħlas".

Total tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas

7. L-indikatur "total tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex IFM" huwa s-somma tas-sitt sub-kategoriji li jeskludu lil xulxin: "trasferimenti ta' kreditu", "debiti diretti", "ħlasijiet bil-kards permezz ta' kards maħruġa mill-PSPs residenti (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss)", "tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi", "ċekkijiet" u "servizzi oħra ta' ħlas".

Trasferimenti ta' kreditu

8. Kull tranżazzjoni hija allokata lil subkategorija waħda biss, jiġifieri jew "mibdija f'forma bbażata fuq il-karta" jew "mibdija b'mod elettroniku". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-trasferimenti ta' kreditu huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall- valur totali tat-trasferimenti ta' kreditu.
9. It-trasferimenti ta' kreditu rrapportati taħt "mibdija b'mod elettroniku" huma maqsuma wkoll f' "mibdija ffajl/lott" u "mibdija fuq bażi ta' ħlas uniku". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall- valur totali tat-trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku.
10. Tinkludi trasferimenti ta' kreditu mwettqa permezz ta' ATMs b'funzjoni ta' trasferiment ta' kreditu.
11. Tranżazzjonijiet li jinvolvu flus kontanti ftarf wieħed jew fiż-żewġ trufijiet tat-tranżazzjoni ta' ħlas, u li jinvolvu servizz ta' ħlas ta' trasferiment ta' kreditu, huma wkoll inklużi bħala trasferimenti ta' kreditu.
12. Trasferimenti ta' kreditu użati sabiex isir saldu ta' bilanċi pendenti ta' tranżazzjonijiet permezz ta' kards b'funzjoni ta' kreditu jew debitu ttardjat huma nklużi wkoll.
13. Trasferimenti ta' kreditu jinkludu t-trasferimenti ta' kreditu kollha fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA – Single Euro Payments Area) kif ukoll it-tranżazzjonijiet li mhumiex SEPA. It-tranżazzjonijiet li mhumiex SEPA huma wkoll irrapportati fis-subkategorija "mhux SEPA".
14. Is-subkategoriji "mibdija ffajl/lott" u "mibdija fuq bażi ta' ħlas uniku" jinkludu t-tranżazzjonijiet kollha SEPA u dawk li mhumiex SEPA.
15. "Tranżazzjonijiet domestiċi mibgħuta", "tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta" u "tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti" jinkludu kemm it-tranżazzjonijiet SEPA kif ukoll dawk li mhumiex SEPA.
16. Il-ħlasijiet fi flus kontanti għal ġo kont permezz ta' formola bankarja mhumiex inklużi fit-trasferimenti ta' kreditu.

Debiti diretti

17. Kemm id-debiti ta' darba kif ukoll dawk rikorrenti huma inklużi. Fil-każ ta' debiti diretti rikorrenti, kull ħlas individwali jingħadd bħala tranżazzjoni waħda.
18. Id-debiti diretti użati sabiex biex isir saldu ta' bilanċi pendenti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet permezz ta' kards b'funzjoni ta' kreditu jew debitu ttardjat huma inklużi, billi dawn huma ħlasijiet separati mid-detentur tal-kard għall-emittent tal-kard.
19. Id-debiti diretti huma maqsuma wkoll f' "mibdija ffajl/lott" u "mibdija fuq bażi ta' ħlas uniku". Billi s-subkategoriji huma jeskludu lil xulxin, in-numru totali tad-debiti diretti huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għal valur totali tad-debiti diretti.
20. Id-debiti diretti jinkludu d-debiti diretti SEPA kollha kif ukoll it-tranżazzjonijiet li mhumiex SEPA. It-tranżazzjonijiet li mhumiex SEPA huma rrapportati wkoll fis-subkategorija "mhux SEPA".

21. Is-subkategoriji "mibdija ffajl jew lott" u "mibdija fuq bażi ta' ħlas uniku" jinkludu t-tranżazzjonijiet SEPA kollha u dawk li mhumiex SEPA.
22. "Tranżazzjonijiet domestiċi mibgħuta", "tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta" u "tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti" jinkludu kemm it-tranżazzjonijiet SEPA kif ukoll dawk li mhumiex SEPA.
23. Il-ħlasijiet fi flus kontanti minn kont permezz ta' formola bankarja mhumiex inklużi fid-debiti diretti.

Ħlasijiet bil-kard

24. Tranżazzjonijiet ta' ħlas bil-kards maħruġa minn PSPs residenti huma rrapportati, irrispettivament mill-post tal-marka li taħtha jkun sar it-tranżazzjoni ta' ħlas.
25. Tranżazzjonijiet irrapportati minn servizz ta' ħlas jinkludu d-dejta dwar it-tranżazzjonijiet bil-kard f'punti tal-bejgħ virtwali, pereżempju permezz tal-internet jew bit-telefon.
26. Tranżazzjonijiet ta' ħlas isiru permezz ta' kards b'funzjoni ta' debitu, kreditu jew debitu ttardjat f'terminal jew permezz ta' kanali oħra. It-tqassim li ġej tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bil-kard jiġi rrapportat:
 - (a) "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' debitu";
 - (b) "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' debitu ttardjat";
 - (c) "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' kreditu";
 - (d) "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' debitu jew ta' debitu ttardjat";
 - (e) "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' kreditu jew ta' debitu ttardjat";
27. Is-subkategoriji "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' debitu jew debitu ttardjat" u "ħlasijiet bil-kards b'funzjoni ta' kreditu jew debitu ttardjat" huma rrapportati biss jekk il-funzjoni tal-kard speċifika ma tistax tiġi identifikata.
28. Kull tranżazzjoni hija allokata f'subkategorija waħda biss. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' ħlasijiet bil-kard huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għal valur totali tal-ħlasijiet bil-kard.
29. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas bil-kards huma maqsuma wkoll f'"mibdija f'EFTPOS fiżiku" u "mibdija mill-bogħod" Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tal-ħlasijiet bil-kard huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tal-ħlasijiet bil-kard.
30. Il-ħlasijiet bil-kard permezz ta' kards maħruġa minn PSPs residenti li għandhom biss funzjoni ta' flus elettroniċi mhumiex inklużi.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas ta' flus elettroniċi

31. Kull tranżazzjoni hija allokata għal subkategorija waħda biss, jiġifieri "bil-kards li fuqhom il-flus elettroniċi jistgħu jinħażnu direttament" jew "b'kontijiet ta' flus elettroniċi". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi.
32. Tranżazzjonijiet taħt "bil-kontijiet tal-flus elettroniċi" huma maqsuma wkoll biex jipprovdu informazzjoni fuq dawk "aċċessati permezz tal-kard".

Ċekkijiet

33. Ġbid ta' flus kontanti biċ-ċekkijiet huwa nkluż.
34. Ġbid ta' flus kontanti permezz ta' formoli bankarji mhumiex inklużi.
35. Ċekkijiet maħruġa imma mhux mibgħuta għall-ikklerjar m'humiex inklużi.

Tranżazzjonijiet transkonfinali

36. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet mibgħuta, biex jiġi evitat l-għadd doppju, tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn toriġina t-tranżazzjoni.
37. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet riċevuti, biex jiġi evitat l-għadd doppju, tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn tiġi riċevuta t-tranżazzjoni.
38. Id-differenza bejn "tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta" u "tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti" turi d-dħul nett jew il-ħruġ tat-tranżazzjonijiet ġewwa jew barra mill-pajjiż ta' rapportar.

Fluss tal-fondi

39. Id-direzzjoni tal-fluss tal-fondi tiddependi mis-servizz ta' hłas u l-kanal tal-bidu użat:
 - (a) fil-każ ta' trasferimenti ta' kreditu, hłasijiet ta' flus elettroniċi u tranżazzjonijiet simili fejn il-pagatur jibda t-tranżazzjoni, il-parteċipant li jibgħat huwa wkoll dak il-mittent tal-fondi, u l-parteċipant li jirċievi huwa d-destinatarju tal-fondi;
 - (b) fil-każ tad-debiti diretti, ċekkijiet, hłasijiet ta' flus elettroniċi u tranżazzjonijiet simili fejn min jitħallas jibda t-tranżazzjoni, il-parteċipant li jibgħat huwa d-destinatarju tal-fondi u l-parteċipant li jirċievi huwa l-mittent tal-fondi;
 - (c) fil-każ ta' hłasijiet bil-kard, għalkemm min jitħallas jibda t-tranżazzjoni, it-trattament segwit minn dan ir-Regolament jikkorrispondi ma' dak fejn il-pagatur jibda t-tranżazzjoni.

Parti 2.4 Tranżazzjonijiet ta' hłas skont it-tip ta' terminal li jinvolvi istituzzjonijiet li mhumiex IFM (Tabella 5)

1. L-indikaturi kollha f'din it-tabella jirreferu għal flus kontanti jew tranżazzjonijiet ta' hłas mingħajr flus kontanti li jsiru f'terminal fiżiku (mhux virtwali).
2. PSPs residenti jipprovdu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kollha ta' hłas f'terminals ipprovvuti (jiġifieri akkwistati) mill-PSPs.
3. PSPs residenti jipprovdu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kollha ta' hłas, bil-kards maħruġa mill-PSPs, f'terminals ipprovvuti minn PSPs residenti.
4. Tranżazzjonijiet ta' hłas f'terminals ipprovvuti minn ferġat jew sussidjarji tal-PSP barra mill-pajjiż mhumiex irrapportati mill-PSP parent.
5. tranżazzjonijiet skont it-tip ta' terminal huma maqsuma fi tliet kategoriji differenti bbażati fuq ir-residenza tal-PSP. Il-kategoriji f'punti (a) u (b) aktar 'l isfel huma magħduda fuq in-naħa li takkwista u l-kategorija f'punt (c) aktar 'l isfel hija magħduda fuq in-naħa li toħroġ:
 - (a) tranżazzjonijiet ta' hłas fit-terminals ipprovvuti mill-PSPs residenti bil-kards maħruġa minn PSPs residenti;
 - (b) tranżazzjonijiet ta' hłas fit-terminals ipprovvuti minn PSPs residenti bil-kards maħruġa minn PSPs li mhumiex residenti;
 - (c) it-tranżazzjonijiet fit-terminals ipprovvuti minn PSPs li mhumiex residenti bil-kards maħruġa minn PSPs residenti.
6. Is-subkategoriji f'kull kategorija (a), (b) u (c) imsemmija f'punt 5 m'għandhomx jiġu magħduda.
7. F'din it-tabella, it-tqassim ġeografiku huwa bbażat fuq il-post tat-terminal.

Parti 2.5 Parteċipazzjoni f' sistemi ta' hłas magħżula (Tabella 6)

1. Din it-tabella tirreferi għan-numru, it-tip u s-settur istituzzjonali tal-parteċipanti (irrispettivament mill-post tagħhom) f'sistema ta' hłas.
2. L-indikatur "numru ta' parteċipanti" huwa s-somma taż-żewġ subkategoriji li jeskludu lil xulxin "parteċipanti diretti" u "parteċipanti indiretti".

3. L-indikatur “parteċipanti diretti” huwa s-somma tat-tliet subkategoriji li jeskludu lil xulxin “istituzzjonijiet ta’ kreditu”, “bank ċentrali” u “parteċipanti diretti oħrajn”.
4. L-indikatur “parteċipanti diretti oħra” huwa s-somma tal-erba’ subkategoriji li jeskludu lil xulxin “amministrazzjoni pubblika”, “organizzazzjonijiet tal-ikklerjar u tas-sald”, “istituzzjonijiet finanzjarji oħra” u “oħrajn”.

Parti 2.6 Ħlasijiet ipproċessati minn sistemi ta’ ħlas magħżulin (Tabella 7)

1. Din it-tabella tirreferi għal tranżazzjonijiet ta’ ħlas ipproċessati permezz ta’ sistema ta’ ħlas.
2. Tranżazzjonijiet ta’ ħlas ta’ PSP fil-kont tiegħu stess jiġu rrapportati fl-indikaturi rilevanti f’din it-tabella.
3. F’ każ ta’ sistema ta’ ħlas, li fiha sistema ta’ ħlas oħra, pereżempju sistema ta’ ħlas anċillari, tissettja l-pożizzjonijiet tagħha, imbagħad japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) is-sistema ta’ saldu tirrapporta n-numru attwali ta’ operazzjonijiet ta’ saldu u l-ammont attwali rregolat;
 - (b) fejn tranżazzjonijiet ta’ ħlas jiġu kklerjati barra mis-sistema ta’ ħlas u jsir saldu ta’ pożizzjonijiet netti biss permezz tas-sistema ta’ ħlas, it-tranżazzjonijiet għas-saldu tal-pożizzjonijiet netti biss huma magħduda, u dawn jiġu allokati għas-servizz ta’ ħlas użat għat-tranżazzjoni ta’ saldu.
4. Kull tranżazzjoni ta’ ħlas tingħadd darba biss fuq in-naħa tal-parteċipant li jibgħat, jiġifieri d-debitar tal-kont tal-pagatur u l-ikkreditjar tal-kont ta’ min jitħallas ma jingħaddux separatament. Irreferi għas-sezzjoni dwar il-fluss tal-fondi f’Parti 2.3 aktar ‘il fuq.
5. Għal trasferimenti ta’ kreditu multipli, jiġifieri ħlasijiet f’ammonti kbar, kull partita tal-ħlas tiġi magħduda.
6. Fil-każ tas-sistemi ta’ netting, huwa n-numru gross u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta’ ħlas li huwa rrapportat, u mhux ir-riżultat wara n-netting.
7. Is-sistemi ta’ ħlas jiddistingwu u jirrapportaw it-tranżazzjonijiet domestiċi u dawk transkonfinali skont ir-residenza tal-parteċipanti li jibagħtu u jirċievu. Il-klassifikazzjoni “tranżazzjonijiet domestiċi” jew “tranżazzjonijiet transkonfinali” tirrifletti l-post fejn jinsabu l-partijiet involuti.
8. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, it-tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn toriġina t-tranżazzjoni.
9. L-indikatur “ħlasijiet bil-kard” jinkludi tranżazzjonijiet tal-ATM jekk id-dejta ma tistax tinqasam; inkella t-tranżazzjonijiet tal-ATM jidhru fl-indikatur separat ta’ “tranżazzjonijiet tal-ATM”.
10. L-indikatur “ħlasijiet bil-kard” jinkludi t-tranżazzjonijiet kollha ta’ ħlas ipproċessati fis-sistema ta’ ħlas, irrispettivament minn fejn inħarġet jew intużat il-kard.
11. Tranżazzjonijiet ta’ ħlas ikkanċellati huma esklużi. Tranżazzjonijiet li iktar ‘il quddiem huma suġġetti għal tranżazzjoni taċ-ċaħda huma inklużi.

ANNEX II

DEFINIZZJONIJIET TAD-DEJTA

Terminu	Definizzjoni
Aġent (Aġent)	"Aġent" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE.
Akkwired (Acquirer)	Dan it-terminu huwa applikabbli fil-każijiet li ġejjin: (a) L-entità li żżomm il-kontijiet ta' depożitu għal dawk li jaċċettaw il-kard, jiġifieri n-negozjanti, u li lilha min jaċċetta l-kard jittrażmetti d-dejta relatata mat-tranżazzjonijiet. L-akkwired huwa responsabbli għall-ġbir tat-tagħrif tat-tranżazzjoni u s-saldu ma' dawk li jaċċettaw il-kard. (b) Fit-tranżazzjonijiet fil-punt tal-bejgħ (POS – point-of-sale), l-entità li lilha min jaċċetta l-kard, normalment negozjant, jittrażmetti l-informazzjoni neċessarja sabiex il-ħlas bil-kard jiġi pproċessat. L-akkwired huwa l-entità li jiġġestixxi l-kont tan-negozjant. (c) Fit-tranżazzjonijiet tal-magni tal-flus awtomatizzati (ATM), l-entità li tagħmel il-karti tal-flus disponibbli lid-detentur tal-kard, jew direttament jew jintużaw fornituri terzi. (d) L-entità li tipprovdi t-terminals, irrispettivament minn min hu s-sid tat-terminals.
Akkwist (Acquiring)	Tfisser servizzi li jippermettu lil min jitħallas biex jaċċetta strument ta' ħlas jew tranżazzjoni ta' ħlas, billi jipprovdu awtentikazzjoni, awtorizzazzjoni, u servizzi għas-saldu li jirriżultaw fi trasferiment ta' fondi lil min jitħallas.
Amministrazzjoni pubblika (Public administration)	Unitajiet istituzzjonali li huma produttori mhux għas-suq li l-prodott tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali u kollettiv, u li huma ffinanzjati minn ħlasijiet obligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u unitajiet istituzzjonali prinċipalment involuti fir-redistribuzzjoni tal-introjt u l-ġid nazzjonali, kif definiti fir-rigward ta' settur tal-gvern ġenerali.
Antiċipi ta' flus kontanti fit-terminals POS (Cash advances at POS terminals)	Tranżazzjonijiet li fihom id-detentur tal-kard jirċievi flus kontanti f'terminal POS flimkien ma' tranżazzjoni ta' ħlas għal prodotti jew servizzi. Jekk mhuwiex possibbli li tiġi distinta d-dejta fuq antiċipi ta' flus kontanti fit-terminali POS, din hija rrapportata bħala "tranżazzjonijiet POS".
ATM (magna tal-flus awtomatizzata) (ATM (automated teller machine))	Strument elettromekkaniku li jippermetti lill-utenti awtorizzati, li tipikament jużaw kards fiżiċi li jinqraw mill-magni, li jiġbdu l-flus mill-kontijiet tagħhom u/jew jaċċessaw servizzi oħra, li jħallihom, per eżempju, jitolbu tagħrif dwar il-bilanċ, jittrasferixxu l-fondi jew jiddepożitaw il-flus. Strument li jippermetti biss talba għal tagħrif dwar il-bilanċ ma jikkwalifikax bħala ATM. L-ATM tista' titħaddem online, b'talba għall-awtorizzazzjoni f'linja reali, jew offline.
ATM b'funzjoni ta' ġbid ta' flus kontanti (ATM with a cash withdrawal function)	ATM li tippermetti lill-utenti awtorizzati li jiġbdu l-flus kontanti mill-kontijiet tagħhom billi jużaw kard b'funzjoni ta' flus kontanti.
ATM b'funzjoni ta' trasferiment ta' kreditu (ATM with a credit transfer function)	ATM li tippermetti lill-utenti awtorizzati li jagħmlu trasferimenti ta' kreditu permezz ta' kard tal-ħlas.
Bank ċentrali (Central bank)	Korporazzjoni finanzjarja u kważi-korporazzjoni li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija l-ħruġ tal-munita, iż-żamma tal-valur intern u estern tal-munita u l-kontroll tar-riżervi internazzjonali kollha tal-pajjiż jew ta' parti minnhom..
Ċekk (Cheque)	Ordni bil-miktub minn parti waħda, jiġifieri it-traent, lill-ieħor, jiġifieri it-trattarju li normalment huwa istituzzjoni ta' kreditu, li jirrikjedi li t-trattarju jħallas somma speċifika fuq talba lit-traent jew lil parti terza speċifikata mit-traent. għall-bidu

Terminu	Definizzjoni
Debiti diretti li minnhom: mhux SEPA (Direct debits of which: non-SEPA)	Debiti diretti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-debiti diretti tas-SEPA, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 260/2012.
Debitu dirett (Direct debit)	Servizz ta' ħlas għall-iddebitjar tal-kont tal-ħlas tal-pagatur, potenzjalment fuq bażi rikorrenti, fejn it-tranżazzjoni ta' ħlas tinbeda minn min jitħallas abbażi tal-kunsens mogħti mill-pagatur lil min jitħallas, lill-PSP ta' min jitħallas jew lill-PSP tal-pagatur innifsu.
Debitu dirett mibdi ffajl/lott (Direct debit initiated in a file/batch)	Debitu dirett mibdi b'mod elettroniku li huwa parti minn grupp ta' debiti diretti mibdija b'mod konġunt mill-pagatur. Kull debitu dirett li jinsab f'lott jingħadd bħala debitu dirett separat meta jirrapporta n-numru ta' tranżazzjonijiet.
Debitu dirett mibdi fuq bażi tal-ħlas uniku (Direct debit initiated on a single payment basis)	Debitu dirett mibdi b'mod elettroniku li huwa indipendenti minn debiti diretti oħra, jiġifieri li ma jifformax parti minn grupp ta' debiti diretti mibdija b'mod konġunt.
Depożiti trasferibbli (Transferable deposits)	Depożiti li jaqgħu fil-kategorija ta' "depożiti overnight", li huma direttament trasferibbli fuq talba biex isiru ħlasijiet lil aġenti ekonomiċi oħrajn permezz ta' mezzi ta' ħlas użati b'mod komuni, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali.
Depożitu ta' flus kontanti mill-ATM (ħlief għal tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi) (ATM cash deposit (except e-money transactions))	Depożitu ta' flus kontanti magħmul fl-ATM permezz ta' kard b'funzjoni ta' flus kontanti. Tinkludi t-tranżazzjonijiet kollha li fihom il-flus kontanti jiġu ddepożitati f'terminal, mingħajr intervent manwali, u l-pagatur jiġi identifikat permezz ta' kard tal-ħlas.
Emittent ieħor ta' flus elettroniċi (Other e-money issuer)	Emittenti oħra ta' flus elettroniċi li mhumiex "istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi" u "istituzzjonijiet ta' kreditu". Irreferi għad-definizzjoni tal-"emittenti ta' flus elettroniċi".
Emittent tal-flus elettroniċi (Electronic money issuer)	"Emittent tal-flus elettroniċi" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE;
Emittent tal-kard (Card issuer)	Istituzzjoni finanzjarja li taqgħmel il-kards tal-ħlas disponibbli għad-detenturi tal-kards, tawtorizza t-tranżazzjonijiet fit-terminals POS jew fl-ATMs u tiggarantixxi l-ħlas lill-akkwrent għal tranżazzjonijiet li huma f'konformità mar-regoli tal-iskema relevanti. Fil-każ ta' skemi bejn tliet partijiet, l-emittent tal-kard huwa l-iskema tal-kard innifisha. Fil-każ ta' skemi bejn erba' partijiet, dawn l-entitajiet li ġejjin jistgħu ikunu emittenti tal-kard: (a) istituzzjoni ta' kreditu; (b) impriża li hija membru ta' skema tal-kard u għandha relazzjoni kontrattwali ma' detentur tal-kard li tirriżulta fid-dispożizzjoni u l-użu ta' kard li hija parti minn dik l-iskema tal-kard.
Fergħa (Branch)	Post ta' negozju li mhuwiex l-uffiċċju prinċipali li jinsab fil-pajjiż li jirrapporta u stabbilit minn fornitur tas-servizz ta' ħlas (PSP) legalment inkorporat f'pajjiż ieħor. M'għandha l-ebda personalità legali u direttament twettaq f'tit mit-tranżazzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet kollha inerenti fin-negozju tal-PSP. Il-postijiet kollha tan-negozju stabbiliti fil-pajjiż li jirrapporta mill-istess istituzzjoni li hija legalment inkorporata f'pajjiż ieħor jikkostitwixxu fergħa unika. Kull wieħed minn dawn il-postijiet tan-negozju jingħadd bħala uffċċju individwali.
Flus elettroniċi (Electronic money)	Valur monetarju maħżun elettronicament, li jinkludi b'mod manjetiku, kif irrappreżentat minn klejm fuq l-emittent li tinħareġ malli jiġu rċevuti l-fondi għall-iskop ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas kif definiti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2007/64/KE, u li huwa aċċettat minn persuna fiżika jew ġuridika li mhijiex l-emittent tal-flus elettroniċi.

Terminu	Definizzjoni
Flus kontanti (Cash)	Karti tal-flus u muniti fil-kmamar ta' sigurtà tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Muniti kommemorattivi li mhumiex normalment użati biex jitwettqu tranżazzjonijiet ta' hłas mhumiex inklużi.
Fondi (Funds)	Karti tal-flus u muniti, flus iddepożitati u flus elettroniċi.
Fornituri ta' servizz ta' hłas (PSPs) (Payment service providers (PSPs))	"Fornituri ta' servizz ta' hłas" huma dawk imniżżla fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2007/64/KE.
Ġbid ta' flus kontanti mill-ATM (hließ għal tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi) (ATM cash withdrawal (except e-money transactions))	Ġbid ta' flus kontanti magħmula fl-ATM permezz ta' kard b'funzjoni ta' flus kontanti. Hłas ta' flus kontanti bil-quddiem fit-terminals POS bl-użu ta' kard b'funzjoni ta' debitu, kreditu jew debitu ttardjat huwa inkluż biss jekk mhuwiex konness ma' tranżazzjoni ta' hłas. Ġbid ta' flus kontanti flimkien ma' tranżazzjoni ta' hłas mhumiex inklużi. Minflok, dawn huma "tranżazzjonijiet POS".
